**21 ta' Mejju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Alberto Magri B.A., LL.D.**

Eddie Cachia

*versus*

Dr Joseph Galea Debono LL.D. *et noe*

**Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji – Smigħ Xieraq**

*L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jiggarantixxu d-dritt għal smigħ xieraq (fair hearing) kemm-il darba l-Qorti jew awtorità ġudikanti mwaqqfa b'liġi tiġi mitluba tiddeċidi dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili jew dwar akkuża ta' reat kriminali. F'dawn il-każijiet, il-Qorti jew awtorità ġudikanti għandha tkun indipendenti u imparzjali. Il-proċeduri għandhom jinżammu fil-pubbliku, u lill-akkużat jew lill-parti interessata għandha tingħata l-fakultà li jikkontrolla u jressaq il-provi kollha biex isaħħaħ it-teżi tiegħu.*

*Biex japplikaw dawn l-artikoli, il-Qorti jew awtorità għandha mhux biss tkun "awtorità ġudikanti" iżda trid ukoll teżerċita dik l-awtorità biex tiddeċidi dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili jew dwar akkuża ta' reat kriminali.*

*Skond l-Att XV ta' l-1987, li ħoloq il-konvenzjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji, din il-Kummissjoni ma kinitx maħsuba sabiex tiddetermina drittijiet jew obbligazzjonijiet iżda sabiex tinvestiga rapport ta' individwu dwar ilment tiegħu li hu ġarrab ħsara jew inġustizzja bħala riżultat ta' xi distinzjoni esklużjoni jew preferenza indebita eżerċitata direttament jew indirettament mill-Gvern.*

*Għalhekk il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji ma hix "qorti" għall-għanijiet ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u d-dritt garantit b'dawk l-artikoli ma japplikax għall-proċedimenti quddiem il-Kummissjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 1991 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi fid-19 ta' Ottubru 1987 ir-rikorrent ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' inġustizzji kompost mill-ewwel tliet intimati, dwar il-ħatriet ta' *Printing Manager / Chief Printer* fl-istamperija tal-Gvern;

2. Illi fil-kors ta' dawn il-proċeduri, instemgħu diversi xhieda, kemm fuq talba tiegħu, kif ukoll, forsi, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni *jew ta' xi persuni oħra;*

3. Illi l-esponent la tħalla jkun preżenti waqt is-smigħ tax-xhieda, la tħalla jsaqsi domandi lix-xhieda, la tħalla jara u jkun jaf x'qalu x-xhieda dwaru, u anqas tħalla jara d-dokumenti **prodotti;**

4. Illi fid-19 ta' April 1990 l-esponent ġie infurmat illi l-Kummissjoni qieset li l-ilment tiegħu ma rriżultax ġustifikat;

5. Illi l-Kummizzjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji hija stabbilita bl-Att XV ta' l-1987 biex tinvestiga kull ilment li jsir minn persuna li tallega li tkun ġarrbet inġustizzja, tirrapporta lill-aħħar intimat (i.e. lill-Prim Ministru) u tagħmillu rakkomandazzjoni dwar ir-rimedju li l-Kummissjoni jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanza, (art. 6 u 10);

6. Il-Kummissjoni għandha d-dritt li ma twettaqx is-setgħa tagħha f'każ fejn min jagħmel l-ilment kellu rimedju għall-allegata inġustizzja taħt xi liġi oħra (art. 6(2) );

7. Illi ġaladarba l-proċeduri quddiem il-Kummissjoni

huma determinanti għad-drittijiet ta' l-esponenti, huwa kellu dritt għas-smigħ xieraq, kemm skond l-art. 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

8. Illi fid-9 ta' Mejju 1990 l-aħħar intimat informa lill-esponenti illi kien ra r-rapport tal-Kummissjoni u aċċetta r-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni, kif ikkomunikat lill-esponenti fl-ittra msemmija fil-paragrafu 4;

9. Illi ġie għalhekk illi d-drittijiet ta' l-esponent ġew determinati mingħajr huwa ma ngħata smigħ xieraq la mill-Kummissjoni u lanqas minn xi awtorità indipendenti oħra;

10. Illi dan in-nuqqas ta' smigħ xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet tiegħu jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet protetti mill-art. 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Għaldaqstant ir-rikorrent talab umilment li din il-Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq id-disposizzjonijiet fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara illi saret vjolazzjoni fil-konfront ta' l-esponent ta' dawk id-disposizzjonijiet, li tiddikjara r-Rapport u rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni nulla, u li għalhekk il-każ tiegħu għandu jinstema' mill-ġdid fl-osservanza tar-rekwiżiti kollha tas-smigħ xieraq, u li tagħti kull rimedju ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq. Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat l-Onorevoli Prim Ministru tas-17 ta' Ġunju 1991 li permezz tagħha ssottometta:

1. Illi huwa estraneju għal kollox għall-proċeduri tal-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji u l-uniċi

persuni li jistgħu jagħtu rimedju għall-allegat ksur fil-każ li t-talba tiegħu tiġi milqugħa huwa xi waħda mill-kummissjonijiet imwaqqfa skond l-Att XV ta' l-1987. Għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. *Illi la l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u lanqas* l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni m'huma applikabbli fil-każ odjern. Il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizji ma tiddetermina ebda akkuża kriminali u lanqas xi drittijiet jew obbligi ċivili kif jitolbu dawn iż-żewġ artikoli. Il-pretensjoni tar-rikorrent bl-ebda mod ma tista' titqies bħala obbligazzjoni ċivili;

3. Oltre dan l-unika setgħa li għandha l-Kummissjoni hi li tinvestiga kull ilment u mhux li taqdi xi funzjoni ġudizzjarja. Għaldaqstant, għal darb'oħra, iż-żewġ artikoli li r-rikorrent qed jallega sar ksur tagħhom, ma japplikawx għall-każ;

Rat ir-risposta ta' Dr Joseph Galea Debono LL.D. u Mario Mifsud Bonnici L.P. ippreżentata fit-18 ta' Ġunju 1991 li biha ssottomettew:

1. Illi preliminarjament inkwantu ġew imħarrka bħala li *jirrappreżentaw il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-*Inġustizzji, ġew imħarrka ħażin peress li huma ma humiex la *Chairman* u lanqas membri tal-Kummissjoni li investigat il-każ tar-rikorrent li ġiet xolta fit-30 ta' Settembru 1990;

2. Illi preliminarjament ukoll il-proċedura adottata mill-Kummissjoni fil-każ tar-rikorrent, *kif ukoll f'każijiet oħra, hija* perfettament in linea ta' l-Att XV ta' l-1987 li bl-ebda mod ma hu qed jiġi impunjat bħala li jmur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta, jew l-Att XIV ta' l-1987, u għalhekk ma jistgħux jiġu

milqugħa t-talbiet tar-rikorrent kif proposti;

3. Illi fil-mertu, in-natura tal-mandat mogħti mil-liġi lill-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji, kif jidher ukoll mit-titolu ta' l-istess Kummissjoni, huwa wieħed purament ta' "investigazzjoni" li ssir bil-magħluq, u mhux "determinazzjoni", tant li l-istess Kummissjoni lanqas għandha poter ta' deċiżjoni iżda biss rakkomandazzjoni u għalhekk ma japplikawx la l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, lanqas ma jista' jingħad li l-każ tar-rikorrent (kwestjoni dwar promozzjoni fis-servizz ċivili) kien jirrigwarda d-determinazzjoni ta' "drittijiet jew obbligi ċivili" *(droits et obligations de caractere civil"* fit-*test* tal-Konvenzjoni), kif kostantement interpretat mill-Kummissjoni u Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, tant li l-artikolu 6(2) ta' l-Att XV ta' l-1987 li waqqaf il-Kummissjoni ma jippermettix li l-Kummissjoni tinvestiga każijiet li dwarhom jista' jkun hemm rikors għal Qorti;

Illi għalhekk hawn *non si tratta* ta' determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi iżda investigazzjoni ta' inġustizzji li jwasslu għal rakkomandazzjoni li tista' twassal għal deċiżjoni tal-Prim Ministru, u, fil-każ tar-rikorrent, tali deċiżjoni trid tiġi approvata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

6. Illi subordinatament u f'kull każ l-allegazzjoni tar-rikorrent li ma tħalliex ikun preżenti waqt is-smigħ tax-xhieda, li jsaqsi d-domandi, jew li jara d-dokumenti prodotti, hija falza, għaliex sakemm il-każ ġie finalizzat quddiem il-Kummizzjoni, ir-rikorrent qatt ma għamel xi talba simili li ġiet lilu miċħuda;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Marzu 1992 meta d-difensur ta' l-intimati Dr Joseph Galea Debono u P.L. Mario Mifsud Bonnici talab li tingħata sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' l-intimati li la l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma japplikaw għall-Kummissjoni dwar l-Inġustizzji;

Semgħet id-difensuri tal-partijiet dwar din l-eċċezzjoni u eżaminat is-sentenzi esibiti in sostenn tagħha;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment tar-rikorrent huwa dirett lejn il-proċeduri adottati mill-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji fis-smigħ ta' l-ilment tiegħu konċernanti l-ħatra ta' *Printing Manager / Chief Printer* fl-Istamperija tal-Gvern;

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti li pprecedew dawn il-proċeduri u anke dwar il-proċeduri quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji. Ir-rikorrent, bħala impjegat ċivili, ippretenda li, meta kien hemm vaganza fil-grad ta' *Printing Manager / Chief Printer* fl-Istamperija tal-Gvern, il-post kien jistħoqq lilu għar-raġunijiet aħjar noti lilu. Ġara li dan il-grad ingħata lil terza persuna u r-rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ministru kkonċernat u, meta saret effettiva l-Kummissjoni taħt l-Att XV, ta' l-1987, ressaq l-ilment tiegħu *a termini* ta' l-artikolu 6 ta' l-istess liġi;

Issa r-rikorrent qed jallega li f'dawk il-proċeduri quddiem il-Kummissjoni d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq sanċit bl-artikolu

39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ġie leż inkwantu la tħalla jkun preżenti waqt is-smigħ tax-xhieda, la tħalla jsaqsi domandi lix-xhieda, la tħalla jara u jkun jaf x'qalu x-xhieda dwaru u lanqas tħalla jara d-dokumenti prodotti. Inoltre, qed jissottometti r-rikorrent, id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jadotta r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni mingħajr ma ta l-opportunità lir-rikorrent li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, tammonta wkoll u flimkien man-nuqqas ta' l-istess Kummissjoni għal nuqqas ta' smigħ xieraq;

Illi, kif ġà ngħad, din is-sentenza hija limitata għall-eċċezzjoni ssollevata mill-intimati li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux applikabbli billi l-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji ma teżerċitax il-funzjoni ta' Qorti iżda hija intiża biss biex tinvestiga ilmenti u tagħmel rakkomandazzjonijiet skond l-artikoli 6 u 10 ta' l-Att XV ta' l-1987. Din il-Kummissjoni, qed jiġi sottomess, ma għandhiex il-funzjoni li tiddetermina *"one's civil rights and obligations"* u bħala tali ma taqax taħt l-interpretazzjoni ta' Qorti u konsegwentement is-salvagwardi ta' *"fair hearing"* imsemmija fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni ma japplikawx għaliha;

Għalhekk qabel ma din il-Qorti tkun tista' tgħaddi biex teżamina l-ilment prinċipali tar-rikorrent u ċjoè dak ta' nuqqas ta' smigħ xieraq quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji, irid jiġi investigat jekk l-istess Kummissjoni kinitx tenuta bil-prinċipji enunċjati fl-artikolu 39 u 6 fuq imsemmija u ċjoè jekk l-ilment tar-rikorrent huwiex ġustifikat;

L-abbli difensuri tal-kontendenti għamlu diversi sottomissjonijiet f'dan ir-rigward u issa l-Qorti sejra teżamina l-eċċezzjoni ssollevata mill-intimati fil-kuntest ta' dak li ġie

sottomess;

L-artikolu 39 ta' Kostituzzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq *(fair hearing)* kemm-il darba l-Qorti jew awtorità ġudikanti mwaqqaf b'liġi tiġi mitluba tiddeċidi dwar l-eżistenza *jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili jew dwar akkuża* ta' reat kriminali. Isegwi li dik il-Qorti għandha tkun indipendenti u imparzjali, li l-proċeduri għandhom jinżammu fil-pubbliku u li l-akkużat jew il-parti interessata tingħata l-fakoltà li tikkontrolla u tressaq dawk il-provi kollha in sostenn tat-teżi tagħha;

L-istess jingħad fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li tippreskrivi li *"in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against his, every one is entitled to a fair and public hearing";*

*Għalhekk biex japplikaw l-artikoli in kwistjoni Qorti għandha tkun mhux biss 'awtorità ġudikanti' iżda trid ukoll teżerċita dik l-awtorità 'in the determination of one's civil rights and obligations'';*

Qed jiġi sottomess mir-rikorrent li l-Kummissjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala Qorti għall-finijiet ta' l-artikolu 39 u 6 fuq imsemmija kemm-il darba (a) id-deċiżjoni tiddetermina b'mod favorevoli jew avvers xi dritt jew aspettativa legali, u (b) jekk dik id-deċiżjoni tinċidi b'mod sostanzjali l-aspettativa tal-persuna kkonċernata. Qed jiġi sottomess li r-rikorrent deherlu *li kellu l-kwalifiki kollha biex jingħata promotion u l-aspettativa* tiegħu għal dak il-*promotion* ġiet stultifikata b'dak l-abbuż ta' poter ta' l-Awtorità kkonċernata. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk għandu jiġi ritenut li l-Kummissjoni ddeterminat *'his civil rights*

*and obbligations'* u bħala tali dik il-persuna hija intitolata għal *minimum standards* ta' *'fair hearing'* kif tirrikjedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja;

Minn eżami ta' l-Att XV ta' l-1987 li ħoloq il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji, jidher mill-ewwel li din il-Kummissjoni ma kinitx intiża sabiex tiddetermina drittijiet jew obbligi iżda pjuttost li tinvestiga rapport ta' individwu dwar ilment tiegħu li hu ġarrab ħsara jew inġustizzja bħala riżultat ta' xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza indebita eżerċitata mill-Gvern, sew direttament *tramite* Ministru jew kap ta' Dipartiment, jew indirettament, permezz ta' Korp li fih il-Gvern ikollu *controlling interest;*

Infatti meta l-Kummissjoni tipproponi li tinvestiga l-ilment hi għandha tagħti lill-uffiċjal prinċipali ta' l-awtorità, dipartiment jew korp ikkonċernat, l-opportunità li jikkummenta fuq kull allegazzjoni li jkun hemm fl-ilment (art. 7) limitatament għal dak li jistabbilixxi l-artikolu 6 ta' l-istess att, u konsegwentement il-Kummissjoni mhix tenuta tindaga jekk in-nuqqas ta' promozzjoni, nuqqas ta' għoti ta' liċenzja eċċ. kinitx ġustifikata jew le. L-għotja ta' promozzjoni jew liċenzja eċċ. huma diskrezzjonali għall-awtorità li tagħtihom u l-Kummissjoni tindirizza l-eżami tagħha biss sabiex tistabbilixxi jekk fl-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni l-awtorità li jkun sar l-ilment kontra tagħha, kinitx motivata b'xi forma ta' distinzjoni, esklużjoni jew preferenza indebita (art. 6). Huwa dan l-allegat preġudizzju li hu in kawża u mhux id-dritt *o meno* tal-persuna li tressaq l-ilment, għal promozzjoni jew liċenzja;

F'dan il-kuntest għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrent li d-deċiżjoni jew aħjar ir-

rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tammonta għal *determination of a civil right and obbligation*. Il-Kummissjoni ma tiddetermina ebda dritt jew obbligu fil-kontront taċ-ċittadin iżda tinvestiga biss jekk, indipendentement minn dak id-dritt jew obbligu, l-awtorità kinitx influwenzata minn xi preġudizzju u, fil-każ li jirriżulta dak il-preġudizzju, tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha. Rakkomandazzjoni qatt ma tista' tiġi kkunsidrata li għandha l-forza ta' sentenza ppronunzjata minn Qorti kompetenti li tiddetermina l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. Rakkomandazzjoni għandha biss l-aspett ta' parir lil awtorità superjuri sabiex inġustizzja li tkun ġarrbet persuna, u li ma hemm ebda rimedju ieħor għaliha, tiġi b'xi mod irrimedjata. Ma jsegwix lanqas li dik ir-rakkomandazzjoni jew parir tiġi milqugħa favorevolment minn dak l-awtorità, fil-każ in eżami, il-Prim Minstru;

Jiġi rrilevat ukoll li din il-Qorti, diversament preseduta, fir-riferenza kostituzzjonali fil-każ **'Il-Pulizija kontra Narcy Calamatta'** deċiża fis-26 ta' Ġunju 1991, esprimiet ruħha hekk:

''Il-Qorti diffiċilment tifhem kif wieħed jista' jara xi somiljanza bejn il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji u 'tribunal' li dwaru titkellem il-Konvenzjoni Ewropeja; kull ma tagħmel din il-Kummissjoni hu li tinvestiga każi fejn ikun hemm allegazzjoni li saret, ma' xi ċittadin, inġustizzja mill-Korpi indikati fl-istess att: ix-xogħol tagħha jsir fil-privat, waqt li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jistipula: ''smigħ xieraq u imparzjali'';

L-istess Qorti kompliet hekk:

''Illi l-att finali li bih il-Kummissjoni tittermina x-xogħol

tagħha joħroġ id-differenza b'mod l-aktar ċar, għaliex waqt li l-Konvenzjoni Ewropeja titkellem dwar 'deċiżjoni', l-Att XV ta' l-1987 jitlob lill-Kummissjoni tagħmel rapport u possibilment tissuġerixxi rimedji kif l-inġustizzji riskontrati jistgħu jiġu rrimedjati; anke kieku l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma kienx hekk speċifiku'' tkompli tgħid il-Qorti fis-sentenza ċċitata: ''xorta waħda wieħed jifhem li l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali huma marbuta *(sic)* ma' proċess li jista' jtellef xi dritt jew isib persuna ħatja ta' reat mingħajr ma tkun ingħatat *fair trial* mhux fejn Kummissjoni maħluqa mil-liġi tisma' lanjanzi u tagħmel rapport u rakkomandazzjonijiet dwarhom, liema rakkomandazzjonijiet l-anqas bilfors ma jiġu attwati kif jiġu s-sentenzi u d-digrieti tal-Qorti'';

Illi fil-każ in eżami, u ċjoè l-*promotion* tar-rikorrent, il-Qorti tosserva li kull rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll kull deċiżjoni *li tittieħed mill-Prim Ministru li jilqa' jew jiskarta* l-istess rakkomandazzjoni, m'hix attwabbli, kemm-il darba dik ir-rakkomandazzjoni tkun fis-sens li r-rikorrent jitqiegħed fil-kariga pretiża, billi tali kariga hija suġġetta għall-iskrutinju tal-*Publci Service Commission* li ma hi tenuta taċċetta ebda rakkomandazzjonijiet simili;

Illi ġie wkoll sottomess mill-intimati li fi kwalunkwe każ l-ilment tar-rikorrent quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji inkwantu dan kien jirrigwarda kwestjoni ta' promozzjoni fis-servizz ċivili, ġie dejjem ritenut mill-Kummissjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem *''not to fail under the application of article 6(1)''*. Isegwi li l-aġir tal-Gvern jew awtorità governattiva kompetenti fl-għoti ta' promozzjoni mhux suġġett għall-prinċipji ta' 'smigħ xieraq' kif enunzjati fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u per analoġija, ta' l-

artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Il-Qorti ma tħossx li dan l-argument, f'dan l-istadju tal-proċeduri u għall-fini ta' l-eċċezzjoni sotto eżami, isaħħaħ it-teżi ta' l-intimati inkwantu bil-proċeduri odjerni r-rikorrent mhux qed jijtlob din il-Qorti biex tindaga l-aġir, tajjeb jew ħażin, ta' l-awtorità kkonċernata fl-għoti tal-*promotion* għal *Printing Manager,* iżda t-talba hija indirizzata lejn l-aġir tal-Kummissjoni nnifisha li eżaminat l-ilment tar-rikorrent u li skond l-istess rikorrent kienet ħatja ta' nuqqas ta' smigħ xieraq;

Din is-sottomissjoni ta' l-intimati, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, kienet treġi kemm-il darba r-rikorrent ressaq proċeduri kostituzzjonali kontra l-awtorità li tat promozzjoni sabiex jattakka dik l-istess deċiżjoni a bażi ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. F'dak il-każ il-Qorti Kostituzzjonali li, fuq skorta ta' diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, kienet tkun korretta li tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-intimatı u konsegwentement tiddikjara li l-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji kostitwita bl-Att XV ta' l-1987 m'hix 'Qorti' a termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement id-dritt enunzjat bl-imsemmija artikoli mhux applikabbli għal proċedimenti quddiem l-istess Kummissjoni. Għal din ir-raġuni t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.